IL-FAQAR F'MALTA

# "Ħażin li l-politiċi jindirizzaw il-faqar b'

**F'intervista ma' *il-mument*, Dr Andrew Azzopardi jitfa' dawl fuq x'qiegħed iwassal biex il-faqar materjali fis-soċjetà Maltija qiegħed joħroġ aktar fil-beraħ, u l-periklu ta' din il-pjaga soċjali tkompli tikber meta tmiss ħajjet it-tfal minħabba riperkussjonijiet li jista' jkun hemm tul il-ħajja. Huwa jappella lill-politiċi li fid-deċiżjonijiet li jieħdu fil-qasam soċjali, ma jkunx indirizzati għal-lum biss iżda biex ikun evitat dak li jista' jiġri għada.**



**Amy Borg**
amy.borg@netmedia.com.mt

**Statistika maħruġa dan l-aħħar mill-uffiċċju tal-istatistika tal-Unjoni Ewropea, il-Eurostat, turi li t-tfal f'Malta li huma f'riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali żdiedu fl-aħħar ħames snin tant li minn 26.7%, telgħu għal 28.2%. Għaliex hija inkwetanti din l-istatistika?**

Il-faqar ma jiġix żviluppat fuq perjodu qasir. Ħafna drabi jkun riżultat ta' deċiżjonijiet li nkunu qed nagħmlu matul is-snin sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li jwasslu għall-faqar, bħal xi diżastru naturali bħal terremot. Il-faqar ġeneralment aħna nistgħu naqraw li se jasal għandna. Dan hu punt ċentrali fid-dibattitu soċjali biex niżviluppaw il-politika soċjali. Huwa falz u inkorrett meta ngħidu li l-faqar jiżviluppa mil-lum għal għada, ħlief għal ċirkostanzi eċċezzjonali kif semmejt ftit qabel. Jekk aħna nitkellmu fuq faqar li żviluppa f'qasir żmien inkunu żbaljati u allura l-ewwel ma rridu nagħmlu hu eżami tal-kuxjenza dwar x'qed nagħmlu fil-preżent li se jeffettwana fil-futur.

Naħseb li l-faqar sar jidher aktar għaliex il-faqar b'mod ironiku hu relatat mal-iżvilupp ekonomiku u meta jkollok klima pożittiva d-distakk bejn min qiegħed fuq u min qiegħed isfel jimmanifesta ruħu aktar. Allura hemm għandna sfida kbira għaliex li jidher hu li min hu sinjur ikompli jistagħna u dawk li qegħdin 'l isfel se jsibuha aktar diffiċli biex ilaħħqu ma' dik il-kwalità tal-ħajja. Eżempju jekk qabel familja tkun tista' tagħmel safra kull sentejn, issa tibda tirrealizza li se jkollha tibda tagħmilha kull erba' snin jew ħamsa, jew saħansitra ma tkunx tista' tagħmel din is-safra. U allura tibda tirrealizza li inti ma tistax tiżviluppa u tibda tidħol ftit ftit f'sitwazzjoni daqsxejn prekarja.

Il-faqar però jimmanifesta ruħu l-aktar, u hawn fejn isir perikoluż, fejn hemm it-tfal. It-tfal huma l-akbar vittmi ta' dawk id-deċiżjonijiet kollha li jkunu qed isiru. Hawn fejn tibda tixgħel il-bozza l-ħamra. Anzi l-problema, id-diffikultà, li jġib miegħu l-faqar tkun niżlet fl-għeruq. Għaliex il-bniedem b'mod naturali jipproteġi ż-żgħar allura l-aħħar li jintlaqtu mill-problema huma ż-żgħar. Iżda meta l-problema tmiss liż-żgħar, allura hemm il-problema tkun messet l-għeruq.

**"Jekk aħna naqbdu ħames snin ta' gvern, ikun min ikun, ngħoddu l-eluf kollha li jinħarġu f'benefiċċji soċjali, li jammontaw għal biljuni, u nistaqsi kif jista' jkun għandna l-Knisja Ta' Ġieżu fil-Belt Valletta li se tiftaħ *soup kitchen*. M'hemm xejn xi jkun iċċelebrat f'din l-inizjattiva. Anzi turi li hawn problema serja ta' faqar. M'hemm xejn x'niċċelebraw li l-Caritas fil-Milied organizzat ikla għal 350 ruħ, m'hemm xejn niċċelebraw, anzi hemm x'nistħu. M'hemm xejn x'niċċelebraw li l-President ta' Malta u l-Malta Community Chest Fund jiġbru €5.5 miljun biex jgħinu lil min hu marid. F'dan kollu niċċelebraw biss is-solidarjetà li kapaċi noffru bħala poplu imma dawn huma theżżiża kbira li s-sistema tal-*welfare* tagħna għal xi raġuni mhix tirrispondi b'mod spedit daqskemm jeħtieġ."**

**It-tfal kif ikunu effettwati mill-faqar?**

Hawn tfal li l-ġenituri tagħhom ma jkollhomx biex jixtrulhom ħwejjeġ ġodda, ma jkollhomx biżżejjed flus biex jixtrulhom affarijiet bażiċi tal-iskola bħall-uniformi, kotba, fotokopji. Hawn anke tfal li l-ġenituri tagħhom ma jkollhomx flus biex iħallsulhom attivitajiet ekstrakurrikulari bħal attivitajiet sportivi jew ma jkollhomx flus biex jixtrulhom xi ġugarell għall-Milied. Meta t-tfal jibdew jintlaqtu minn sitwazzjonijiet ta' dan it-tip, allura dak ikun ifisser li għandna ċerta diffikultà li sfortunatament ħafna drabi tibqa' tielgħa magħhom sal-adolexxenza u anke fil-ħajja adulta.

Anke l-perspettiva tagħhom lejn il-ħajja, ir-rwol tagħhom fis-soċjetà, is-sens ċiviku tagħhom jibda jiġi analizzat minnhom u jibdew jagħmlu distinzjoni anke bejnhom u bejn tfal oħra. Jibdew jistaqsu għaliex huma differenti, għaliex iħossuhom imwarrbin. Hemm imbagħad tidħol l-esklużjoni soċjali. Ma rridux ninsew ukoll li l-midja turik illum x'inhu aċċettabbli għal għajxien diċenti u x'inhu faqar, u dik id-distinzjoni t-tfal kapaċi jagħmluha.

L-esklużjoni soċjali hi li minħabba ċ-ċirkostanzi tiegħek ikun hemm diżlivelli fost it-tfal fejn anke jidħol il-logħob ta' bejniethom, l-aċċess għall-kultura, għat-teatru, għall-mużika, aċċess għal dak kollu li hu kulturali,



# 'deċiżjonijiet populisti" — Dr Andrew Azzopardi





*"Il-politiċi m'għandhomx ikunu dejjem populisti, jieħdu deċiżjonijiet li se jrebbħuhom voti biss... m'għandhomx ikunu dejjem populisti speċjalment fil-qasam soċjali. Id-deċiżjonijiet tagħhom iridu jindirizzaw il-faqar tal-lum u jieħdu deċiżjonijiet li jilqgħu għall-problemi tal-futur. Inkella l-faqar se jibqa' pjaga."*

diżlivell f'dak kollu li jgħin lit-tfal jiżviluppaw emozzjonalment, f'dak kollu li jagħtihom il-kuraġġ li jesprimu lilhom infushom u jsemmgħu leħinhom. Il-mument li t-tfal qed iħossuhom li huma differenti f'dawn l-aspetti kollha jibdew iħossuhom esklużi għax ċerti affarijiet ma jistgħux jagħmluhom bħal tfal oħra.

### Il-faqar fost it-tfal, x'effett jista' jħalli fuqhom f'dawk li huma prospetti għal meta jsiru adolexxenti u adulti?

Ħafna drabi tfal li huma effettwati mill-faqar jibdew jiffaċċjaw sitwazzjoni fejn saħansitra jitilfu l-fiduċja fihom infushom, jibdew iħossuhom inferjuri jew emarġinati mis-soċjetà. Bħala tifel jew bħala tifla tibda tħoss li r-rwol tiegħek fis-soċjetà mhux apprezzat jew rwol li hu ta' piż għal fuq 'il-bqija tas-soċjetà'. Jekk imbagħad il-faqar jibqa' preżenti fil-ħajja tal-individwu għal żmien twil, dan jista' jwassal anke għall-kriminalità. Eżempju jekk irrid nixtri karozza jkun aħjar nistenna biex nixtriha s-sena ta' wara. Nistenna għax ngħid li se nkun finanzjarjament aħjar. Imma min jaf li f'ħajtu qatt mhu se jasal biex ikollu karozza jew saħansitra jbiddel li għandu għal waħda ġdida għaliex dejjem ħadem bil-prekarjat u jgħix fil-faqar, jista' jasal biex jisraq waħda biex iħossu li hu bħal ħaddieħor. Jiġifieri hemm korrelazzjoni bejn l-ekonomija u l-faqar u l-faqar u l-kriminalità.

### Li t-tfal ikunu f'riskju ta' faqar jew li qed jgħixu fil-faqar. Ta' min ikun it-tort? Tal-ġenituri li jġibu t-tfal fid-dinja mingħajr ippjanar jew tal-awtoritajiet li mhumiex jindirizzaw il-bżonnijiet veri tat-tfal?

It-tort u r-responsabbiltà huma żewġ kelmiet li hemm ħafna x'jifridhom. Għalxejn induru mal-lewża, iva hawn ġenituri li huma traskurati ħafna li ma jafux iqassmu l-flus, ma jafux jagħmlu prijoritajiet. Għandek imbagħad familji li huma abbużivi, li huma egoisti, hemm ġenituri li għandhom problema ta' saħħa mentali u li allura ma tantx jafu jagħmlu deċiżjonijiet għaqlin. Hemm ukoll ġenituri li meta kienu żgħar huma wkoll kienu jgħixu f'sitwazzjoni ta' faqar. Naħseb imma hemm imbagħad familji li jispiċċaw fil-faqar minħabba ċirkostanzi soċjali li ma jgħinuhomx. Issa qed ikollna l-fenomenu li qed jissejjaħ *working poor*. Dan hu meta jkollok persuna, omm jew missier li jaħdmu, għandhom impjieg stabbli imma jaqilgħu paga minima jew ftit aktar li biha jridu jgħajxu lill-familja tagħhom. Il-problema tkompli tiżdied meta dik il-familja tħallas il-kera tad-dar fejn toqgħod. Jiġifieri minn dik il-paga minima trid tiekol il-familja, jitħallsu l-kontijiet, fosthom il-kera. Jidħlu r-realtajiet ta' koppji separati bil-missier li jaqla' paga minima u jrid jagħti l-manteniment kull xahar. Dawn ir-realtajiet jibdew joħolqu l-effetti konsegwenzjonali li ħafna drabi huma marbuta mal-faqar. Issa r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet jibqgħu dejjem hemm. Jiġifieri l-istat f'dan kollu għandu responsabbiltà. Jien nemmen ħafna li l-gvern u l-istat għandhom jiċkienu kemm jista' jkun. L-istat għandu jagħti l-inċentivi kollha meħtieġa biex il-persuni li jiffaċċjaw il-faqar itejbu l-ħajja tagħhom. Hu tajjeb li l-istat jgħin lil dawn in-nies imma trid tispiċċa l-mentalità li l-istat qisu qed iżommlok idejk biex tirnexxi. Għandu jiġi mill-persuna wkoll biex tittieħed azzjoni u għalhekk f'pajjiżna nsibu diversi inċentivi f'dan il-qasam. Aħna għandna sistema soċjali, forsi magħrufa aħjar bl-Ingliż, il-*welfare system*, li hi tajba ħafna u li hi importanti bl-istat jgħin li min ikun waqa' ftit lura, eżempju saħħa b'xejn jew edukazzjoni b'xejn. Ironikament is-sistema soċjali ta' pajjiżna hi ġeneruża ħafna. Meta ngħidu l-istat jgħin mhux biss finanzjarjament imma anke permezz ta' skemi bħal pereżempju korsijiet b'xejn biex dak li jkun ikabbar l-għarfien tiegħu.

### Il-benefiċċji soċjali qegħdin verament jgħinu biex il-persuni fil-faqar ikunu inċentivati?

Element importanti ħafna f'dan ir-rigward huwa s-sehem tal-politiku. Naħseb li peress li l-politiku għandu perjodu qasir fejn jista' jwettaq ma jindirizzax il-problemi soċjali fuq perjodu twil imma sfortunatament fuq perjodu qasir għaliex fuq perjodu qasir ir-riżultat jista' jidher malajr u aħjar imma l-persuna megħjuna fil-futur tirrealizza li ma tkun għamlet l-ebda avvanz ħlief li rċeviet għajnuna finanzjarja pereżempju. Hawn jidħol element importanti, il-mentalità tas-soċjetà. Kemm aħna l-Maltin u l-Għawdxin lesti li ma niġux aktar bżonn il-benefiċċji soċjali billi ninvestu fl-edukazzjoni tagħna biex l-opportunitajiet ta' xogħol għalina jikbru? Jew aħna komdi kif aħna nirċievu l-benefiċċji d-dar?

Fil-passat saru attentati biex il-faqar ikun indirizzat fit-tul eżempju meta Louis Galea kien Ministru, kien sar il-mudell ta' fondazzjonijiet li jgħinu huma lil min hu batut, fejn l-NGOs jingħataw għajnuna mill-gvern biex imexxu s-servizzi huma, kellek il-fondazzjoni *Respite Care Services* u oħrajn.

**"Għandna sfida kbira għaliex li jidher hu li min hu sinjur ikompli jistagħna u dawk li qegħdin 'l isfel se jsibuha aktar diffiċli biex ilaħħqu ma' dik il-kwalità tal-ħajja."**

Dan il-pajjiż irid jagħmel deċiżjoni. Jew se jibqa' kif inhu jew jagħmel pass 'il quddiem però biex isir dak il-pass 'il quddiem trid tbati ftit u l-politiċi m'għandhomx ikunu dejjem populisti, jieħdu deċiżjonijiet li se jrebbħuhom voti biss. Naf li l-għan tagħhom finalment hu li jkunu eletti, u nifhimhom, imma m'għandhomx ikunu dejjem populisti speċjalment fil-qasam soċjali. Fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjonijiet tagħhom iridu jindirizzaw il-faqar tal-lum u jieħdu deċiżjonijiet li jilqgħu għall-problemi tal-futur. Inkella l-faqar se jibqa' pjaga. Waħda mill-ewwel affarijiet li jridu jagħmlu hi li jiddiskuti s-sistema tal-*welfare* u jistaqsu s-sistema x'qed tagħti lura? Jekk aħna naqbdu ħames snin ta' gvern, ikun min ikun, ngħoddu l-eluf kollha li jinħarġu f'benefiċċji soċjali, li jammontaw għal biljuni, u nistaqsi kif jista' jkun għandna l-Knisja Ta' Ġieżu fil-Belt Valletta li se tiftaħ *soup kitchen*. M'hemm xejn xi jkun iċċelebrat f'din l-inizjattiva. Anzi turi li hawn problema serja ta' faqar. M'hemm xejn x'niċċelebraw li l-Caritas fil-Milied organizzat ikla għal 350 ruħ, m'hemm xejn niċċelebraw, anzi hemm x'nistħu. M'hemm xejn x'niċċelebraw li l-President ta' Malta u l-Malta Community Chest Fund jiġbru €5.5 miljun biex jgħinu lil min hu marid. F'dan kollu niċċelebraw biss is-solidarjetà li kapaċi noffru bħala poplu imma dawn huma theżżiża kbira li s-sistema tal-*welfare* tagħna għal xi raġuni mhix tirrispondi b'mod spedit daqskemm jeħtieġ."

### Statistika tal-NSO li ħarġet fil-ġimgħat li għaddew turi kif 4 persuni minn kull 100, f'pajjiżna, qed jgħixu f'residenzi fful-lati. X'tindika din l-istatistika? Dan huwa sinjal ta' faqar?

Iva, dan hu sinjal ta' faqar. Aħna diġà għandna problema ta' spazju ġeografiku minħabba anke l-fatt li fil-passat ma kienx hemm kontroll fuq kif isir il-bini u allura issa rridu nikkumpensaw għalih. Il-fatt li t-tfal ma tantx għandhom postijiet fejn jilagħbu barra bħal ġonna fil-miftuħ, dak diġà hu sinjal ta' faqar fuq livell ambjentali u spazju fiżiku. Imbagħad hemm l-iżvilupp tal-ispazju psikoloġiku. Allura iva, il-faqar u d-diffikultajiet li wieħed jiffaċċja mhumiex marbuta biss ma' spazju fiżiku imma anke ma' dak mentali. Sfortunatament għad għandna postijiet li huma simili għall-kerrejja tal-antik. Zoni li huma soprapopolati huma serji wkoll.